MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2008

Numru 861/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Tony Cachia)**

**vs**

**NICHOLAS CATANIA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Nicholas Catania, ta' 26 sena, bin Raymond u Tania Maria nee Formosa, imwieled Pieta' nhar it-8 ta' Marzu 1982 u joqghod Binja Hesri Ent G, Triq Dun Anton Vella, Siggiewi, detentur tal-karta ta' l-identita numru 148882M.

Billi gie akkuzat talli:

(A) Talli nhar il-15 ta’ Mejju 2008 ghall-habta tat-20:45 fi Triq San Nikola hdejn ic-Cimiterju tas-Siggiewi, bhala detentur ta’ licenza taht xi disposizzjoni ta’ L-Att dwar l-armi (Kap 480) naqas milli jhares il-pattijiet tal-licenza, u aktar talli,

(B) Fl-istess, data, hin, lok u cirkostanzi, kellu fil-pusses u kien qed igorr arma tan-nar ;senter tal-marka Huglu, numru tas-serje 06T0567, mhux kif hekk specifikat f’dik il-licenza, u aktar talli,

(C) Fl-istess, data, hin, lok u cirkostanzi, fil-waqt li kien qed jaghmel reat kontra il-persuna ta’ Max Wayne Camilleri, kellu fuq il-persuna tieghu arma regolari, u cioe senter tal-marka Huglu, numru tas-serje 06T0567, u aktar talli,

(D) Fl-istess, data, hin, lok u cirkostanzi, hedded lil Max Wayne Camilleri, billi qabadt arma tan-nar kontrih, u aktar talli,

(E) Fl-istess, data, hin, lok u cirkostanzi, ikkaguna griehi ta’ natura hafifa, fuq il-persuna ta’ Max Wayne Camilleri, skond ma iccertifikat Dr Maria Gatt MD reg no 2752 mic-centru tas-sahha tal-Furjana.

Il-Qorti giet mitluba li f’kaz ta’ htija, tordna l-konfiska ta’ l-arma in kwistjoni, u thassar jew tissospendi il-licenza mahruga taht l-Att dwar l-armi (Kap 480) u tipprojbixxi lil persuna milli jkollha xi licenza taht dan l-Att (Kap 480).

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok TC3 u nnutat li l-imputat m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-parte civile Max Wayne Camilleri iddikjara li qieghed jirrinunzja ghall-

azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat kull fejn hu rinunzjabbli.

Inoltre innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-akkuzi (A) u (B) migjuba kontra l-imputat inghataw bhala akkuzi alternattivi ghall-akkuza (C) migjuba kontra l-imputat u ghaldaqstant talab lill-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-akkuzi (A) u (B) migjuba kontra l-imputat.

Innutat ukoll li l-imputat fl-ezami tieghu wiegeb li hu hati tal-akkuza (C) migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega’ wiegeb li hu hati tal-akkuza (C) migjuba kontra tieghu.

Rat l-artikoli 55(a), 56 u 57 tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Nicholas Catania fuq ammissjoni, hati tal-akkuza (C) migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat Nicholas Catania ammetta fi stadju bikri tal-kawza u il-fedina penali netta tal-imsemmi imputat u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat Nicholas Catania ghall-piena ta’ sena (1) prigunerija u tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandiex tibda sehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ sentejn (2) millum l-imputat Nicholas Catania jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Fid-dawl ta’ dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum u kif riportat aktar qabel f’din is-Sentenza rigward l-akkuzi (A) u (B) migjuba kontra l-imputat, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-akkuzi (A) u (B) migjuba kontra l-imputat Nicholas Catania stante li dawn l-akkuzi (A) u (B) inghataw bhala akkuzi

alternattivi ghall-akkuza (C) migjuba kontra l-imputat Nicholas Catania.

Rigward l-akkuzi (D) u (E) migjuba kontra l-imputat Nicholas Catania tiddikjara procediment esawrit stante rinunzja da parti tal-parte civile Max Wayne Camilleri.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 56 tal-Att X1V ta' l-2005 (Kap. 480) tal-Ligijiet ta' Malta, tordna il-konfiska tal-arma (Senter) esebita formalment bhala Dok TC4 u, in vista ta' tali ordni ta' konfiska, tordna lill-Ufficjal Prosekutur sabiex fi zmien ghaxar (10) tijiem millum jghaddi materjalment tali arma (Senter-Dok TC4) lir-Registratur tal-Qrati.

Inoltre il-Qorti, a tenur tal-artikolu 57 tal- Att X1V ta' l-2005 (Kap. 480) tal-Ligijiet ta' Malta, tissospendi l-licenzja tal-imputat Nicholas Catania mahruga taht dan l-Att ghal zmien tnax (12) il-xahar millum u tipprojbixxi lill-istess imputat Nicholas Catania milli jkollu xi licenzja taht dan l-Att ghal zmien tnax (12) il-xahar millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Nicholas Catania l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------